Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ROBERT G MANGION**

Seduta tal-15 ta' Ottubru, 2013

Citazzjoni Numru. 76/2004

**Il-Qorti,**

**PREAMBOLU.**

Rat ic-citazzjoni li permezz taghha l-attrici ppremettiet is-segwenti:-

*Peress illi l-kontendenti zzewgu fit-13 ta' Dicembru, 1982 fil-Kappella taz-Zellieqa, Gharghur;*

*Peress illi minn dan iz-zwieg il-konjugi B kellhom tlett ulied, ahwa B u cioé D li twieled fil-hamsa u ghoxrin (25) ta' Mejju tas-sena elf, disa' mija, erbgha u tmenin (1984) Andrè li twieled fil-hmistax (15) ta' Frar tas-sena elf, disgha mija, wiehed u disghin (1991); u F G li twieldet fit-tnejn u ghoxrin (22) ta' Ottubru tas-sena elf, disa' mija, tlieta u disghin (1993);*

*Peress illi l-hajja konjugali bejn il-kontendenti tkissret*

*irrimedjabbilment u dan stante eccessi, sevizzi, theddid, ngurji gravi, vjolenza fizika u psikologika da parti tal-konvenut fil-konfront ta' martu l-attrici, kif ser jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;*

*Peress illi l-attrici giet debitament awtorizzata illi tipprezenta din l-istanza permezz ta' digriet f'dan is-sens moghti mis-Sekond'Awla tal-Qorti Civili bin-numru 142/2004;*

*Peress illi m'hemmx tama ta' rikonciljazzjoni bejn il-kontendenti;*

*Peress illi d-diversi tentattivi sabiex tintlahaq separazzjoni bonarja ma tawx frott;*

Ghaldaqstant l-attrici resqet is-segwenti talbiet:-

*1. Tiddikjara u tordna s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti minhabba tortijiet esklussivament attribwibbli lill-konvenut u senjatament eccessi, sevizzi, theddid, ngurji gravi, vjolenza fizika u psikologika da parti tal-konvenut fil-konfront ta' martu l-attrici, kif ukoll ghaliex iz-zwieg tkisser irrimedjabbilment;*

*2. Tawtorizza lill-attrici tghix separata mill-konvenut zewgha;*

*3. Tordna li l-kura u kustodja taz-zewg ulied minuri fuq imsemmija tigi fdata f'idejn l-attrici, b'access lill-konvenut zewgha fil-granet u hinijiet iffissati minn din l-Onorabbli Qorti u taht dawn il-kundizzjonijiet li din l-Onorabbli Qorti jidrilha xieraq;*

*4. Tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attrici martu u lil uliedu dik ir-retta alimentarja xierqa u adegwata li tigi ffissata mill-istess Qorti skont il-mezzi tal-konvenut u l-bzonnijiet ta' l-attrici martu u ta' l-ulied, pagabbli mill-konvenut lill-istess attrici martu fil-gimgha jew fix-xahar kif ordnat minn din il-Qorti jew jekk hekk jidher xieraq lill-istess Qorti, tordna lill-konvenut sabiex ihallas, minflok dak il-manteniment kollu jew parti minnu, somma globali li*

*fil-fehma tal-Qorti tkun bizzejjed sabiex l-attrici u l-ulied ikunu finanzjarjament indipendenti jew anqas dipendenti mill-konvenut, skont dawk il-modalitajiet li din il-Qorti jidrilha xierqa;*

*5. Tillikwida u tiddikjara xogholta l-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti;*

*6. Tillikwida, tiddividi u tassenja l-assi ta' l-istess komunjoni ta' l-akkwisti lill-kontendenti f'dak il-porzjon u b'dawk il-modalitajiet li jigu stabbiliti minn din il-Qorti, okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi;*

*7. Tinnomina Nutar Pubbliku sabiex jircievi kull att ta' divizjoni ta' l-immobbli f'jum u hin li wkoll jigu stabbiliti minn din il-Qorti;*

*8. Timmonina kuraturi sabiex jirrapprezentaw lill-eventwali kontumaci fuq l-istess att pubbliku ta' divizjoni;*

*9. Tiddikjara li l-konvenut iddekada mid-drittijiet tieghu a tenur ta' l-Artikolu 51 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, kif jigi stabbilit minn din il-Qorti, skont ir-rizultanzi;*

*10. Tordna li l-attrici tkompli tghix u tabita fid-dar matrimonjali flimkien ma' uliedha, ad eskluzjoni ta' zewgha l-konvenut;*

*11. Tawtorizza lill-attrici illi tirregistra ossia tnizzel fir-Registru Pubbliku s-sentenza eventwalment moghtija minn din il-Qorti.*

Bl-ispejjez, komprizi dawk inkorsi fil-proceduri quddiem is-Sekond'Awla tal-Qorti Civili kontra l-konvenut li jibqa' ngunt minn issa in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-attrici, il-lista tax-xhieda u l-elenku ta' dokumenti.

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet[1] tal-konvenut li permezz taghha eccepixxa:-

*Illi l-eccipjenti jaqbel ma' l-ewwel talba attrici limitatament ghal dikjarazzjoni u pronunzja ta' separazzjoni personali bejn il-kontendenti, u dan peress illi z-zwieg bejn il-partijiet tkisser irrimedjabbilment minhabba ragunijiet imputabbli biss lill-attrici, u cioè minhabba ingurja, sevizji u minacci gravi da parti ta' l-attrici illi rrendew il-hajja matrimonjali bejn il-partijiet impossibbli;*

*Illi l-eccipjenti jaqbel mat-tieni talba attrici in kwantu sia l-attrici kif ukoll l-eccipjenti jkunu awtorizzati jghixu separatament minn xulxin;*

*Illi l-eccipjenti jaqbel mat-tielet talba attrici limitatament ghal dikjarazzjoni illi l-kura u kustodja ghandha tigi akkordata lill-attrici in kwantu ghat-tifla F G, purche illi l-eccipjenti ghandu jkollu dritt ta' access ampju ghall-istess tifla minuri u in kwantu l-kura u l-kustodja tat-tifel E din ghandha tigi fdata totalment lill-eccipjenti fejn jinstab fil-prezent ovvjament bid-dritt ta' access ghal istess minuri mill-attrici;*

*Illi r-raba' talba attrici ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra l-istess attrici, stante illi l-attrici ghandha pagament mensili illi tithallas mill-Gvern stante illi hija giet ddikjarata Boarded Out peress li dejjem hadmet ghalkemm hija ferm kapaci illi tahdem u taqla' l-ghajxien taghha, u ghaldaqstant ma hemmx lok ghall-hlas ta' manteniment ghaliha, skont il-Ligi, illi kif jista ampjament jigi ippruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza hija ghandha assi immobiljari li jippermettulha tghix stabbli;  Illi in kwantu hlas tal-manteniment ghall-minuri tigi iffissata dik ir-retta xierqa ghall-minuri G F u E u tordna u tiddikjara illi tali retta alimentarja tigi sopportata f'partijiet ugwali bejn il-partijiet;*

*Illi l-eccipjenti jaqbel mal-hames talba attrici limitatament ghal dikjarazzjoni u pronunzja tax-xogholjiment u l-*

[1] Fol. 62

*likwidazzjoni tal-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet;*

*Illi l-eccipjenti jaqbel mas-sitt talba attrici in kwantu ghandhom jigu appuntati periti sabiex jillikwidaw, jiddividu u jassenjaw l-assi tal-komunjoni tal-akkwisti f'dawk il-porzjonijiet u modalitajiet li jigu stabbiliti minn din l-Onorabbli Qorti;*

*Illi s-seba' talba attrici ukoll mhux opposta in kwantu n-nomina ta' Nutar Pubbliku sabiex jircievi kull att ta' divizjoni tal-immobbli;*

*Illi konsegwentement, it-tmien talba hija wkoll mhux opposta;*

*Illi d-disa' talba attrici ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra l-attrici stante illi, kif jista' jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza, l-estremi tar-rekwiziti legali ghall-kommina tal-provvedimenti msemmija, ma jirrikorrux da parti ta' l-eccipjenti, izda biss da parti ta' l-attrici u kwindi, l-istess provvedimenti ghandhom jigu kkomminati interament kontra l-attrici b'dan illi l-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet tigi assenjata kompletament favur l-eccipjenti;*

*Illi l-ghaxar talba attrici hija wkoll opposta stante illi l-attrici ma ghandha ebda jedd, skont il-Ligi, illi tigi hija stess assenjata d-dar konjugali, in kwantu l-eccipjenti ghandu jedd ugwali ghall-assenjazzjoni ta' l-istess dar, formanti parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti u inoltre l-attrici permezz ta' ingann nduciet lir-ragel jghinha fil-kostruzzjoni ta' diversi abitazzjonijiet immobiljari fejn hija llum tinstab tabita mal-minuri G F;*

*Illi l-hdax u l-ahhar talba hija wkoll mhux opposta.*

Salv eccezzjonijiet ulterjuri."

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-konvenut, il-lista tax-xhieda u l-elenku ta' dokumenti.

Rat il-kontro-talba[2] imnressqa mill-konvenut li permezz taghha ippremetta u talab is-segwenti:-

*Peress illi l-parijiet ikkuntrattaw zwieg bejniethom fit-13 ta' Dicembru, 1982, mil-liema zwieg twieldu zewgt (2) itfal, E u G F, it-tnejn minuri kif ukoll D illum maggiorenni;*

*Peress illi z-zwieg bejn il-partijiet tfarrak irrimedjabilment minhabba ingurji, sevizji u minacci gravi da parti ta' l-istess attrici rikonvenuta versu l-konvenut rikonvenjenti, u ragunijiet ohra rikonoxxuti mill-Ligi, illi rrendew il-hajja matrimonjali bejn il-partijiet impossibbli;*

*Peress illi l-attrici rikonvenuta allontant ruhha mid-dar matrimonjali minghajr ebda raguni valida, u tinsab tabita ghal rasha flimkien mal-minuri G F;*

*Peress illi t-tifel minuri E u l-maggorenni D illum studenti universitarji tal-Kors tal-ligi baqghu jabitaw flimkien ma' l-konvenut rikonvenjenti gewwa d-dar matrimonjali;*

*Peress illi l-attrici rikonvenuta tinstab tinnega u ccahhad lill-konvenut rikonvenjenti mill-access tal-minuri F G;*

*Peress li permezz ta' Digriet numru 142/2004 moghti fit-18 ta' Frar, 2004 mill-Onorabbli Sekond'Awla tal-Qorti Civili, li kopja tieghu tinstab, esebita u mmarkata bhala* ***Dok. B*** *ippresentata mill-attrici rikonvenuta, il-paritjiet gew awtorizzati sabiex jibdew il-proceduri ghas-separazzjoni personali bejniethom;*

Il-konvenut ressaq is-segwenti talbiet rikonvenzjonali u talab lill-Qorti:-

*Tippronunzja s-separazzjoni personali ad mensa et thoro, bejn il-kontendenti minhabba ir-ragunijiet fuq premessi imputabbli lill-attrici rikonvenuta, u rikonoxxuta mill-Ligi;*

*Takkorda dritt ta' access ghat-tfal minuri tal-partijiet E u F G, lill-konvenut rikonvenjenti, b'dawk il-modalitajiet u taht*

[2] Fol. 66

*dawk id-dispozizzjonijiet illi dina l-Onorabbli Qorti jidrilha xieraq u tordna l-kura u l-kustodja tal-minuri E favur il-konvenut rikonvenjenti;*

*Tillikwida u xxogholji l-kommunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet, occorrendo bl-opera ta' periti nominandi;*

*Tiddikjara u tiddeciedi illi l-attrici rikonvenuta iddekadiet minn sehemha fil-kommunjoni ta' l-akkwisti, u tapplika l-effetti ta' l-Artikolu 48 et. seq. tal-Kodici Civili kontra l-istess attrici rikonvenuta, u favur il-konvenut rikonvenjenti, b'dan illi l-assi kollha formanti parti mill-kommunjoni ta' l-akkwisti jigu assenjati lill-konvenut rikonvenjenti;*

*Tinnomina Nutar Pubbliku sabiex jippubblika l-att relattiv u kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw l-eventwali kontumaci.*

*Bl-ispejjez kontra l-attrici rikonvenuta li tibqa' minn issa ngunta ghas-subizzjoni."*

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-konvenut u l-lista tax-xhieda.

Rat id-digriet tad-29 ta' Lulju 2004 li permezz tieghu kien gie nominat l-Avukat Dottor Mark Chetcuti bhala perit legali.

Rat id-digriet taghha tal-20 ta' Frar 2008 li permezz tieghu ordnat lill-Psikologa Carmen Sammut sabiex tezamina lill-attrici.

Rat id-digriet taghha tat-13 ta' Marzu 2008 li permezz tieghu nnominat lill-AIC Perit Mario Cassar bhala perit gudizzjarju sabiex jaghmel stima tal-ghodda appartenenti l-komunjoni tal-akkwisti ta' bejn il-partijiet.

Rat id-digriet tad-29 ta' April 2008 li permezz tieghu ordnat li l-Psikologa Carmen Sammut tezamina wkoll lill-konvenut.

Rat ir-rapport tal-Psikologa Carmen Sammut ipprezentat fil-21 ta' Mejju 2008.[3]

Rat id-digriet tas-6 ta' Awwissu 2010 li permezz tieghu irrevokat l-inkarigu tal-Perit Legali Dr Mark Chetcuti li gie elevat ghall-bank tal-gudikatura, u minflok gie nominat Dr Vincent Galea bhala Perit Legali.

Rat li fl-udjenza tad-29 ta' Ottubru 2009 il-partijiet qablu illi l-kreditu tal-komunjoni fuq l-ispejjez li saru fiz-zwieg fuq il-proprjeta' parafernali tal-attrici jammonta ghal Euro.116,469 (Lm50,000).

Rat id-digriet moghti fl-udjenza tat-2 ta' Novembru 2010 li permezz tieghu gie nominat il-Perit Mario Cassar sabiex jirredigi rapport ulterjuri dwar il-valur rivedut tad-dar matrimonjali.

Rat ir-rapport tal-Perit Legali Dr Vincent Galea ipprezentat fid-19 ta' April 2012[4] u mahluf fit-23 ta' Mejju 2012.

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet u nota ta' kritika ghar-rapport tal-Perit Legali tal-attrici pprezentata fil-11 ta' Lulju 2012.[5]

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet u osservazzjonijiet ghar-rapport tal-Perit legali tal-konvenut ipprezentata fit-23 ta' Awwissu 2012.[6]

Rat l-atti l-ohra kollha.

Rat li l-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza.

Ikkonsidrat;

**Provi**.

---

[3] Fol. 821
[4] Fol. 1304
[5] Fol. 1404
[6] Fol. 1430

Mill-provi prodotti mill-partijiet jirrizulta li l-kontendenti ltaqaw waqt ballu organizzat mill-YTC fis-sena 1979 u bdew relazzjoni li maz-zmien wasslet ghaz-zwieg. Meta ltaqghu l-partijiet, l-attrici kellha 24 sena filwaqt li l-konvenut kellu 17-il sena. Minhabba f'hekk, tghid l-attrici, hija hassitha kemmxejn skomda li tibda tohrog mal-konvenut ghaliex bezghet li maz-zmien huwa kien sejjer iqisha xiha. Ghalkemm cediet ghall-fatt illi tibda relazzjoni mal-konvenut, wara tlett (3) xhur ta' namur il-partijiet infirdu ghal-pawsa u dan sabiex jaraw jekk verament kienx hemm dik il-gibda bejniethom. Fil-fatt, il-konvenut baqa' jigri wara l-attrici sakemm regghu komplew bir-relazzjoni bejniethom.

Il-partijiet zzewgu fit-13 ta' Dicembru, 1982 u minn dan iz-zwieg kellhom tliet ulied llum maggorenni.

Jirrizulta illi sa mill-bidu nett kien hemm relazzjoni pjuttost turbolenti bejn il-kontendenti. Ir-relazzjoni bejn l-attrici u l-familjari tal-konvenut kienet hazina hafna.

Malli bdew jitwieldu l-ulied s-sitwazzjoni aggravat u kompliet sejra dejjem ghall-aghar wara t-twelid tat-tielet wild. L-atti jizvelaw diversi episodji ta' vjolenza partikolarment fil-konfront tat-tfal, dak iz-zmien ilkoll minuri. Kien hemm episodji ta' vjolenza anki bejn il-kontendenti u mit-tfal fuq l-attrici tant illi f'dawn l-espisodji s-sitwazzjoni kienet teskala sa tali punt illi kien ikollha tissejjah il-Pulizija u/jew kienu jsiru diversi rapporti fl-Ghassa tal-Pulizija.

Fix-xhieda taghha l-attrici tishaq ripetutament illi l-problemi fiz-zwieg taghha mal-konvenut gew ikkagunati mill-familjari tal-konvenut u b'konsegwenza ta' hekk ir-relazzjoni ta' bejn il-kontendenti ddeterjorat hafna. L-attrici, turi dispjacir ghall-mod kif kien igib ruhu maghha zewgha l-konvenut fejn skont l-attrici huwa kien ipoggi lill-familjari tieghu qabel martu. Takkuza lill-konvenut li lill-ommu kien jaghtiha ragun f'kollox u lilha tort f'kollox.

Skont l-attrici ghall-konvenut ommu u familtu kienu jigu qabilha.[7]

Tghid li zewgha l-konvenut kien twajjeb izzejjed ma' familtu u li kien ihallihom japprofittaw ruhhom minnu u imbaghad ftit kien issib ghajnuna minnhom. Iggib dan l-ezempju:-

*Per ezempju, meta C xtara bicca art Hal-Tarxien u talab lil huh li kien jahdem bhala bennej biex jghinu bi hlas, huh qatt ma tfacca ghalkemm wieghdu li kien ser jghinu. Minflok, hija kien jibdnilu minghajr hlas u missieru kien jixkatlalu l-gebel. Minkejja li huh m'ghenu xejn, zewgi poggielu l-madum u ghamillu xi xoghol fil-garaxx meta ried jirranga garaxx biex jidhol jghix fih*."[8]

"*Zewgi kien jiehu hsieb jaghmel dak kollu li ommu kienet tigi bzonn fid-dar. Minkejja dan meta darba matul iz-zwieg zewgi ssellef elf u hames mitt lira Maltin (Lm1,500) minghand missieru, dan silifhomlu bir-rata ta' sitta fil-mija (6%) bil-kitba tan-nutar u bil-penali li jekk ma jithallsux lura fi zmien sentejn, jittiehdu passi kontrina*."

"*Li naf hu li l-mara ta' huh hallsitu billi kissritli hajti ghax tant hadet it-tmun f'idejha li hi taf b'kull centezmu li kien jaqla zewgi u jien ma naf b'xejn … Il-Mara ta' huh tant hi mara dominanti li kienet tghaddi minn hdejn id-dar tieghi biex tara jekk zewgi kienx qed jigi mix-xoghol qabel zewgha u kienet tippretendi li zewgha jithallas aktar ghaliex kien idum iktar minn zewgi meta dan ma kienx veru ghaliex zewgha filghodu kien imur jixtrilha u jghinha u kien jibda xoghol wara zewgi. Minhabba dan l-indhil kontinwu da parti taghha fil-hajja taghna, C u jiena konna nispiccaw niggieldu ta' sikwit. Madanakollu, peress illi kont trabbejt f'hafna valuri tajba tal-familja u ma ridtx li l-familja taghna titkisser, jiena kont naghlaq ghajnejja*."[9]

Fix-xhieda taghha, permezz tal-affidavit a fol. 33 et seq. tal-process u l-affidavits l-ohra a fol. 175 et seq. u a fol.

[7] Fol. 34
[8] Fol. 35
[9] Fol. 36

846 et seq. tal-process, l-attrici spjegat illi l-konvenut kien jerfa' jdejh fuqha:-

"*L-ewwel darba li C hebb ghalija kien meta konna ghadna noqghodu l-Gharghur u darba gbidtlu l-attenzjoni ghall-fatt li lanqas ommi li toqghod ftit 'il boghod minna ma kienet tigi ghandna daqs ommu u t-tifla ta' ohtu. Dakinhar, C hebb ghalija u baqa' jigri warajja s'ghand ommi biex isawwatni*."[10]

"*Episodju iehor li niftakar imur lura ghal meta kont tqila bit-tielet tarbija. Dak iz-zmien hu zewgi kien ta' spiss jigi l-garaxx u kienu jaghmlu hin twil jitkellmu. Darba damu sa xi l-hdax ta' fil-ghaxija u peress li kont tqila u ghajjiena u l-ghada ridt inqum ghax-xoghol, gergirt ghax kien hallieni nistennieh biex jiekol. Zewgi kien tani daqqa ta' sieq go zaqqi u apparti li weggajt, tghidx kemm iddispjacieni minhabba li kont tqila. Qalli "ser toqghod tindahalli kemm indum nitkellem ma' hija wkoll?" X'jimpurtah mit-tarbija u minni*!" (fol. 39).

"*Darb' ohra niftakar li C kien baghtni ghand huh ghal xi bicca ghodda u ghax domt ftit gie u laghbili fuq wicci quddiem huh u martu*." (fol. 39).

"*Fis-sajf li ghadda, precizament fit-3 ta' Awwissu, 2003 zewgi sawwat lili u lit-tifla. Ghamilt rapport l-ghassa u kellna mmorru l-isptar*." (fol. 39).

"*Zewgi kien iwaqqani ghac-cajt quddiem uliedi u jghidli li kien ser iwahhalli tabella mal-bieb meta ghaddejt mill-'A' Levels ghaliex jien komplejt nistudja meta kbirt. Zewgi u z-zewg subien taghna bdew jghajjruni "Mignuna" u "Qahba"*. (fol. 39 u para 37 a fol. 857).

"*…minhabba l-ghawi u t-tixwix li jisimghu kontrija, jghiduli kliem baxx u nsolenti u jistmawni bhala seftura taghhom. Jghiduli kliem li tghallmu minghand zewgi bhal, "Int qieghda hawn biex isseftrilna!". Jekk imqar inqabbadhom ipoggu tazza li jkunu xorbu minnha gos-sink, jghiduli bhal*

[10] Fol. 38

*zewgi, "U int x'ser toqghod taghmel!" u dan sforz l-ezempji hziena li jaraw minghand missierhom. Jiena u t-tifla z-zghira mwerwrin specjalment mill-kbir. It-tifla z-zghira, bl-inkwiet regghet qabditha l-asthma wara erba' snin. Mort l-ghassa ta' Rahal Gdid diversi drabi u ghamilt rapporti kontra ibni l-kbir kemm-il darba ghax spiss isawwatni. Anke kontra t-tieni wiehed ghamilt rapporti*." (para 43 a fol. 858).

"*Darba minnhom jien kont harrikt lil D, it-tifel il-kbir, minhabba li kien tani xeba li biha kien hallieni kwazi mejta. Minkejja dan jien kont mort l-ghassa tal-Pulizija ta' Rahal Gdid biex inhassar it-tahrika halli ma naqlax inkwiet. Il-Pulizija cempel lit-tifel (D) u qabel ma dan kien jaf li kien il-Pulizija li qieghed icempillu biex jghidlu ma jitlax, it-tifel beda jkellmu hazin tant li l-Pulizija qalli biex l-ghada nitla' l-Qorti u ma halliniex nahfirlu ghax qalli, "Dan ma jixraqlux hniena". Minkejja dan l-ghada tlajna l-Qorti u D ma telghax – ghalkemm il-Qorti immultat mitt lira jien hfirtlu. Ricentament l-istess tifel baghatli ghadd ta' messaggi bi kliem oxxenn, theddid u tghajjir li jiena bhala omm kont tassew soffrejt meta qrajthom. Kien ghajjarni 'fuckin liar' u 'mignuna mlahhqa'. Huwa bully u jaghmel minn kollox biex jipprova jbezzani u jwaqqani ghaz-zufjett. Dwar dawn il-messaggi jiena ghamilt rapport u nhar is-Sibt is-16 ta' Settembru, 2008 il-Qorti sabet lil D hati*." (para 53 a fol. 860).

"*Meta rritornajt lura d-dar matrimonjali u kont ser nibda nnaddaf it-tifla wissitni biex nitlaq kollox minn idejja ghax kienet semghet lil miessierha jghid li jrid joqtolni. Dan ghaliex kien mar il-marixxal ftit qabel u kienet semghetu jghid lil D li jekk missieru ma jirrispondix fi zmien erbgha u ghoxrin siegha ghal din l-ittra kienu ha jaqbduh. Dan ghaliex dak iz-zmien huwa kien ilu hames xhur ma jaghtini manteniment ghalija u ghat-tifla. Ftit hin wara ir-ragel gie lura u tela' jigri fuq jghajjarni "Qahba". Qabadni minn ghonqi u beda jimbuttani u tefghani tmintax-il targa. Waqajt fl-intrata u meta pruvajt nqum kien hemm D li rega' qabadni u tefghani barra t-triq fejn kienet anke se ttajjarni karozza. Mbaghad telaw jigru hu u missieru fuq u bdew jitfghu il-hwejjeg tieghi u ta' F ghal barra t-triq. Dak il-hin*

*lanqas flaht inqum nigbor il-hwejjeg kemm bl-ugigh kif ukoll bil-misthija minn nies. D anke gie u bezaqli f'wicci. Dan kien fiz-zmien li kif diga semmejt kont immur nahslilhom il-hwejjeg u d-dar. Dakinhar hassejtni qisu kien l-ahhar tad-dinja ghalija*." (para 55 a fol. 861).

Il-konvenut irribatta permezz tax-xhieda tieghu bil-procedura tal-affidavit a fol. 914 et seq. u spjega illi l-familjari tieghi lill-attrici qatt m'ghamlulha xejn izda:

"*Fil-verita' A minn dejjem kellha mibeghda qawwija kontra niesi u qatt ma fhimt ghal liema raguni"* (fol. 915).

"*Kienet tahli hin shih tghid fuq ohti jew hija jew min jigiha f'mohhha. Sahansitra wara l-mewt tar-ragel t'ohti l-kbira, li ma kellu qatt xejn x'jaqsam direttament maghna bhala koppja, hi dahhlitu fl-istorja billi qaltli "Lanqas ragel sura ma kienet kapaci ssib ohtok, wiehed itemtem marret hadet." Ma nistax nifhem x'qatt affetwahha lilha l-fatt li r-ragel t'ohti kien itemtem*…" (fol. 914).

Korroborazzjoni ta' dan tinsab fl-affidavit ta' Twanny B, hu l-konvenut, a fol. 922 et seq. tal-process, meta qal:

"*Kienet dejjem tirrakkonta kontra ommi, missieri u huti. Gieli kienet tigi fuq il-lant tax-xoghol fejn inkunu u taghmel storbju shih. Ahna konna nippruvaw insiktuha izda aktar kienet taghmel storbju. Illi n-nies li konna qed nahdmulhom mhix bicca taghhom dwar il-problemi ta' hija, wisq anqas kontra l-genituri tieghi. Naf li l-mara ta' hija ghandha rabja kbira ghall-familja taghna kollha. Ahna qatt ma ghamilnielha xejn. Jiena kull ma kont immur ghand hija sabiex nigbor l-ghodda tax-xoghol taghna u xejn aktar. Kliem maghha mill-anqas u ghaliex ma kinitx ittik cans titkellem u qatt ma kont immeriha*" (fol. 922).

L-attrici tispjega cirkostanza li hassitha imwegga bil-kliem tal-konvenut:-

"... *jien kont ghidtlu biex meta tinfetah it-triq fejn kelli l-art parafernali tal-Gharghur, jiehu hsieb jibni fuq l-art bhalma ghamel ghal missieru u l-familja tieghu. Zewgi taptapli*

*darbtejn fuq spallejja u qalli "Hemmhekk tieghek u hu hsiebu int. Missieri demmi imma int barranija." Fil-fatt, ghal dan ix-xoghol, kelli nqabbad lill-barranin ghax zewgi ma riedx jghinni ghaliex jiena barranija ghal zewgi*!" (fol. 37).

Il-konvenut jikkontesta dak li xehdet martu. Dwar dan xhed hekk:-

"*Marti wkoll tghid li jien ma ridtx nghinha tibni il-plot taghha fil-Ghaghur. Dan mhu minnu xejn. Jien fil-fatt kont tellajt lill-Perit Mugliette u dan ghamlilna pjanta u kont ser nibda nahdimha jien il-plot. Sa dan it-tant sibt investiment tajjeb f'bicca art Haz-Zabbar u lill-Perit ghidtlu biex jahdimli fuq din ta' l-ahhar. Darba marti staqsietni intiha parir x'ser naghmlu biha l-art tal-Gharghur u jien ghedtilha li kieku kien ghalija, kont inhalliha lit-tfal biex ikollhom bicca art bejniethom la jikbru. Dak il-hin ma lissnitx kelma izda indunajt li ma kinitx it-twegiba li xtaqet. Filghodu qamet b'nervi kbar u bdiet issabbat, tidghi u tghid kliem vulgari filwaqt li tirrepeti li t-tfal ma jgibulhiex rispett u li l-art ghaliha. Ghalhekk qabbdet lill-Perit Aldo Caruana biex jigi fuq il-post u saqsietni biex immur maghha. Lanqas ilhaqna wasalna li ma kisritnix quddiem il-perit u qaltli li hemm ma kelli x'naqsam xejn, jigifieri hemm taghha u kif tghid hi ser jigri. Jien m'ghidt xejn, anzi mort naghmlilha l-membrane u nwitti t-torba ta' l-art. Il-hlas tieghi kien tghajjir kontinwu w insulti ma jieqfux*." (a fol. 920).

L-attrici ziedet tghid illi l-konvenut kien jghir hafna ghaliha u kien ossessjonat bil-fatt li din setghet imqar kellmet xi ragel iehor:

"*Zewgi kellu din il-fissazzjoni kbira jew ahjar ossessjoni li l-hin kollu jistaqsini jekk kellix x'naqsam ma' dak u ma' l-iehor u jekk misnix ragel iehor. Dan kien iweggaghni hafna ghaliex jiena minix ta' dawn l-affarijiet. Kien jistaqsini dawn id-domandi l-hin kollu. Sahansitra darba minnhom staqsieni jekk kontx mort wahdi ghand wiehed guvni li kien qieghed mieghi fil-kors tas-social work u li jien kont mort ghandu flimkien ma' tfajla ohra biex nahdmu.*

*Ghalija lanqas biss kien imissu jistaqsini affarijiet bhal dawn. B'hekk wara li dam jistaqsini l-istess haga ghal snin shah u t-twegiba tieghi dejjem kienet li qatt ma kelli x'naqsam ma' l-ebda ragel iehor, fir-rabja u biex inkiddu ghidtlu li kont irqadt ma' ragel iehor, ghalkemm dan ma kienx veru*." (fol. 38).

Dwar il-kwistjoni tal-ghira da parti tal-konvenut ghall-attrici, l-konvenut, fl-affidavit tieghu a fol. 914 et seq. qal illi:

"*Il-mara tieghi dejjem tishaq li jien nghir ghalija izda kieku nghir ghalija, zgur ma kontx ser inhallija tkompli tmur tirrecta u tigri fejn trid minghajr ma naghmel xejn, wisq iktar meta kien hemm zminijiet fejn hi kienet kwazi il-hin kollu barra mid-dar"* (fol. 915).

Fuq dan l-aspett tal-konflitt matrimonjali ta' bejn il-partijiet xhed iben il-partijiet, D B, bil-mezz tal-affidavit:-[11]

"*Ommi irnexxiela tpingi stampa ta' missieri ta' mostru, ta' persuna immatura' u li qatt ma nfatam minn ommu u missieru. Wara 25 sena zwieg bdiet shansitra tizzuffjetta b'missieri ghax m'ghandux skola u bdiet thoss li ma jixraqiliex. Wara 25 sena zwieg indunat li missieri kien bla skola mhux bhalha, ghax hi dejjem rat in-nies dubbien ghax kellha ftit o-levels…Din ta' l-iskola, mhi xejn hlief wahda mill-hafna makkinazzjonijiet u skuzi li ommi bdiet tuza' biex tehles minn missieri biex terga tibda tghix il-hajja ta' zghazugha minghaliha. Kemm damet id-dar marret korsijiet ta' l-arti, titghallem iddoqq is-saxaphone, titghallem iz-zfin u sahansitra irrekordjat cassette kanzunetti stunati li baqa' jigri mad-dar. Kollox biex tohrog il-barra u tkun fost in-nies, avolja it-tfal mhux jieklu ghax ma sajjritx u l-hwejjeg baqaw ma nhaslux ghax hi kienet tkun band'ohra. Barra dawn kien hemm dejjem il-paegant, videos u recti u drama. Hi marret ukoll titghallem il-Germaniz, Malti, Religion, Sociology, kors tal-Kompjuter u affarijiet ohra li qass biss nista' niftakar tant kemm ghamlet. Dawn kollha f'okkazzjonijiet u korsijiet differenti, mhux bhal skola fejn ikollok kollox f'daqqa.*

[11] Fol. 924 et. seq.

*Jigifieri wiehed jista' jirrealizza kemm affarijiet ghamlet ommi wara li kellha tliet itfal. Il-mama dejjem barra kienet………………….. Missieri kien ibati l-iktar maghna ghax jigi mix-xoghol u jrid jaghmel ix-xoghol tad-dar. Kif jiftah halqu ommi tghidlu li ghandha dritt taghmel hekk*" (fol. 924).

Tul il-konvivenza matrimonjali l-attrici hassitha traskurata u offiza fl-attitudni tal-konvenut. Hija tghid illi:

"*Dak iz-zmien jien kont ghaddejja minn depression qawwija. Meta C gie darba mieghi ghand Dr. Peter Muscat, il-psikjatra, u qallu li kelli bzonn hafna support, zewgi qallu li ma kienx induna u Dr. Muscat ironikament wiegbu, "Mela lil huk li joqghod 'l boghod minnek indunajt u hassjet il-bzonn li tghinu u lil martek li torqod u tqum mieghek, ma ndunajtx x'ghandha." Dak iz-zmien, zewgi kien ghadu jorqod mieghi izda mbaghad huwa beda jorqod mat-tifel. Minflok ma tani s-support kif qallu Dr. Muscat zewgi kien jghajjarni spiss "mignuna" u mbaghad is-subien bdew jghajruni wkoll*." (a fol. 854-855).

"*Zewgi jinjora ghal kollox il-bzonnijiet tieghi tant li f'Lulju tas-sena 2003, Mr. Antoine Zrinzo, wara li dam jinvistani sab li n-nervituri ta' jdejja u ta' saqajja huma batuti u b'hekk jorqduli. Issuggerieli li ma nitlax tarag, ma nqandilx hafna u nistrieh. Zewgi ma tax kaz ta' dan tant li meta nitolbu jaghmel xi haga jghidli, "U int x'ser toqghod taghmel*?!" (a fol. 855).

"*Matul dawn il-wiehed u ghoxrin sena li ilna flimkien, irrealizzajt li zewgi m'ghandux sens ta' rispett u tolleranza lejja u lejn uliedna. Min-naha l-ohra, lil ommu kien jehodha dawra kull nhar ta' Hadd u kien anke jiehu hsieb jitmaghha. Anke lil missieru, kien jiehdu kull fejn ikollu bzonn, sahansitra jonsob l-ahrax tal-Mellieha qabel ma jmur ghax-xoghol. Imbaghad jekk jiena kont nitolbu jixtrili kartuna halib biex ma ntellifx il-vann ta' l-iskola lit-tifel, zewgi kien jghidli "U int x'ser toqghod taghmel?" Anke meta kont inpoggi biex nitkellmu daqsxejn bejnietna, C kien jitlaq 'l hemm. Qatt ma sab hin biex nitkellmu."* (fol. 38). *"Ir-risposta dejjem kienet, "Hallini ghax ghandi*

*x'naghmel" u kien jew jitlaq ghand ommu jew ghand xi habib*." (a fol. 855)

Dwar dan il-konvenut ta l-verzjoni tieghu:-

"*Minn dejjem hekk kienet taghmel hi, l-ewwel tmur ghand xi kappillan, psikjatra jew counselor, toqghod timlielhom rashom bi hwejjeg kontrija qisni kont xi qattiel, izda imbaghad meta jitkellmu mieghi u jindunaw li mhux talli l-htija kienet minima, izda talli marti kienet qieghda tigdeb u li kienet tittrattani b'dominanza u non-chalnce kbira – hi kienet tieqaf tmur ghandhom. Jekk xi hadd ma kienx jaqbel maghha malajr tghid li ma jafx x'inhu jaghmel u ssib xi hadd iehor li jaghtiha ragun*." (fol. 914).

" *L-abbuz fuqi kien mhux biss bl-ilsien kattiv taghha, izda wkoll hafna drabi fiziku. Hafna drabi giet bis-sikkina ma' wicci jew waddbitli xi oggett biex tweggani. L-intent taghha kien proprju dan, li tweggani, kemm fizikament kif ukoll psikologiakament. Jien kont nipprova nehodha bil-kelma t-tajba ghax kont nahseb li hi marida mentalment u mhuwiex it-tort taghha. Izda il-vjolenza mill-parti taghha u l-infern li kienet saret id-dar taghna wassluni biex nerga mmur wahdi ghand Dr Peter Muscat ghal parir u biex nara jekk marti kinitx marida jew le. Dr. Muscat qalli li A kienet taf x'inhi taghmel perfettament. Qalli wkoll, "Qatt ma bsart li int imsawwat daqshekk minn martek". Din kienet l-ewwel darba fejn jien irrealizzajt bis-serjeta' f'liema sitwazzjoni kont ninsab fiha*." (fol. 915-916).

"*…ftit jemmnuk jekk tghidilhom li minflok tfarragni, marti stess, lanqas biss gimgha wara li mietet ommi, kienet diga offendiet lil ommi iktar minn darba wahda. Jien bhas-soltu ma wegibtx ghall-provokazzjonijiet taghha. Izda fl-ahhar kienet strahet ghall-inqas – kienet qaltli bosta drabi b'kattiverja, "Ma nistriehx sakemm ma tmutx ommok*!" (fol. 915).

Il-konvenut jallega illi l-attrici kienet hejjiet pjan sabiex titlaq mid-dar filwaqt illi tpingi lilha nnifisha bhala l-vittma li giet kostretta tallontana ruhha:

"*Bdiet tipprepara kaz kontrija qabel ma biss kien hemm wiehed! Rekknet flus, gioejjelli u dehebijiet, karti importanti taghna it-tnejn li hadet hi ghaliha, karti tax-xoghol tieghi li bdejt insib neqsin mill-kotba tieghi u affarijiet ohra. Hi mhux talli riedet tehles minni, izda talli kienet lesta taghmel minn kollox. Setghet tixhitni go habs jew manikomju kieku qatt waqajt ghall-provokazzjonijiet taghha, izda ma rnexxilhiex. Imma ghamlet mill-inimaginabbli biex twassalni fix-xifer tas-sanita' mentali tieghi. Infexxet fuq kollox u kontra kollox. Kissret u ghamlet hsara estensiva fid-dar, hafna minnha vizibbli sal-lum ghal min irid jivverifika. Qabdet sikkina u uzatha bhala serrieq biex inserrat il-puggaman tat-tarag. Qatghet il-wires tat-telefon iktar minn darba wahda. Hgieg u twieqi mkissrin. Hwejjeg mormijin hdejn il-klieb li ovvjament gabuhom f'mitt bicca, u dan kemm ghall-hwejjeg tieghi u kif ukoll taz-zewg subien. Kissret sahansitra bieb ohxon tal-injam biex tkun tista' ssawwat lit-tifel iz-zghir (ghalkemm dejjem tghajjat li bla sahha u li marida). Waddbet gebla kbira u tqila fuq il-karozza tat-tifel, avolja kif ghedt diga, dejjem bla sahha kienet teqred. Izda biex tkissirlhu bonnet tal-hadid lit-tifel kellha sahha. Bdiet tohrog u thalli d-dar miftuha berah biex jidhol xi hadd u jisraqna. Anki vitijiet tal-ilma miftuhin kollha ghal sieghat shah halliet u d-dwal kollha tad-dar, kull bozza u haga tad-dawl, mixghulha biex il-kont tad-dawl u ilma jigi gholi mmens u jkolli nhallsu jien! Kif ghedt diga ahna id-dar, fil-bitha ghandna zewgt iklieb. Anka dawn wehlu maghha ghax waddbitilhom xkora shiha gwies fil-bir taghna! Hemm ukoll (f'qiegh il-bir) sab ruhu chaser tieghi iqum 'il fuq minn 150Euro ghal ebda raguni hlief bi qziez u kattiverja. Switch u pipe tal-petrol tad-dghajsa tieghi kissritomli u qattaghtomli b'pura kattiverja biex ma ngawdix il-bahar ma' ibni z-zghir li kien dejjem iffissat fuq il-bahar u d-dghajsa zghira taghna. Darba infatti qbadt dixx rizzi tal-bahar u meta wasalt id-dar poggejtu hdejn it-tieqa biex ma jaghmilx hafna rwejjah. A ramiet id-dixx b'kollox barra mit-tieqa, bir-rizzi kollha jtiru u kien ghaddej*

*gar taghna jippassigga l-kelb minn taht it-tieqa taghna u ghandha xorti ma feritux b'dixx tal-hadid u hafna rizzi nezlin minn sular gholi! Forsi dawn l-affarijiet jinstemghu tad-dahq jew inkoncepibbli ghal persuna normali, izda fid-dar taghna dawn kienu realta' ta' kuljum u xejn tad-dahq."* (a fol. 916).

Dawn l-espisodji gew ikkonfermati minn E B, t-tieni wild tal-kontendenti, li fix-xhieda tieghu moghtija waqt is-seduta mizmuma quddiem il-perit legali fit-23 ta' April, 2010 qal illi:

*"Missieri kellu dghajsa fil-garage u ma kienx juzaha biex jevita l-kliem ma' ommi. Certu zmien qbadt nirrangaha ghax inhobb id-dghajjes u meta ndunat ommi qactet il-pipe tal-petrol u wires u switches fil-mutur. Gieli giet taghmel hsara meta jien kont qed nahdem fuqha*."

Min-naha l-ohra l-attrici spjegat illi (a fol. 864):

"*Wara ghadd ta' snin nissaporti u nghix ta' vittma ta' C jien bdejt nipprova nqum fuq saqajha u niddefendi ruhi meta jinqala argument. Meta ra dan C ried jehodni ghand psikjatra biex jaghtini l-kalmanti. Jien kont tfajtlu xi ghodda fil-bir ghaliex ma stajtx nissaporti iktar l-insulti, theddid u vjolenza u ridt nurih li anke jien niflah naghmel bhalu kieku rrid*." (para 70 ta' l-affidavit).

Il-konvenut kompla jixhed dwar il-maltrattement illi rcieva minghand martu u tenna illi:

"*A infatti dejjem kellha vizzju ikrah iehor li qabdet specjalment lejn l-ahhar tal-hajja taghna flimkien. Hi tavvelik quddiem in-nies. Kemm lili, kemm lill-kbir u wkoll liz-zghir. Taqbad tghajjat bl-affarijiet personali tieghek bhal xi marda jew xi haga simili barra t-triq quddiem in-nies u ggieghlek tisthi u timbarazza ruhek. Infatti bdiet tigi hdejja ghax-xoghol fejn inkun qed nahdem u toqghod tghajjarni b'li ghamlu huti u li m'ghamlux, tghajjarni b'affarijiet personali, tiksirni quddiem in-nies li nkun qed nahdem ghandhom u ttellifni x-xoghol. Kif nidhol mix-xoghol u jkun hemm l-ikel tarmieh quddiemi biex wara*

*gurnata tbatija qas biss ikolli x'niekol jien ghax skont hi kienet tghid li ma jixraqlix niekol*." (a fol. 916).

"*Darba kont nilghab hdejn it-tifla li kien ghad kellha xi 9 snin u kont naf li A kienet qieghdha bin-nervi u kellha aptit tiggieled, bhal kwazi kull gurnata ohra tista' tghid. Ghal ebda raguni apparenti qabdet u kissrittli l-mobile kompletament. Bdejna nargumentaw u f'daqqa wahda qaltli li ser tirrapurtani lil ta' l-Agenzija Appogg li missejt lit-tifla taghna u li kienu gejjin ghalija, izda hadd qatt ma gie*." (fol. 920).

Fix-xhieda tieghu, D B, iben il-partijiet, jiddeskrivi lill-ommu bhala "*ommi l-manipulatrici*" (a fol. 925) u "*giddieba prima u manipulatrici esperta*" (a fol. 926). Fl-affidavit tieghu huwa jirrakkonta diversi episodji biex isostni li ommu hija mara vjolenti u manipulativa:

"*Jien qieghed nirrakkonta l-istorja kif rajtha b'ghajnejja, kif hassejtha jien. Kif hassejtha kemm-il darba meta kienet tigi ommi ixxejjirli daqqa bil-mus waqt li qed tqaxxar il-qarabaghli, jew meta hassejt imniehri jinqasam meta kont zghir hafna u fargitni b'daqqa ta' ponn, jew il-lasti tal-ixkupa maqsumin fuq dahari li wara li taqsamhom kienet tpoggihom wara l-washing machine , ma jmurx ma jkolliex biex issawwatni.* (fol. 925). U "*Li niftakar zgur hu li hi kienet dejjem tistinka mieghi biex nistudja u nwaddab mohhi hemm fl-iskola. Hallija li jekk nizbalja jew ma nlestix il-homework fil-hin kienet tilghabili go wicci, tgiddem subghajja u ssawwatni. Dawk il-memorji ma jitilqu qatt. Ommi tgiddem subghajha u ixxejjer b'idha*.

*Jew inkella titkellem ma' xi ragel fuq it-telefon qisha x' innamrata friska friska u kif tisma' l-van ta' missieri tajdlu, 'Ha naqta, ha naqta! Ghax gie ir-ragel." Umbghad tghidli tghidlux lid-daddy ta' ma min kont qed nitkellem ghax jirrabja*" (fol. 925).

"*Il-vjolenza fid-dar taghna sakemm kien ghad hawn l-ghaziza ommi infatti kienet parti mill-familja. Il-vjolenza*

*kienet mhux haga ta' kuljum, izda haga ta' kull saghtejn jew tlieta. U dan bla ebda ezagerazzjoni, kif jixhdu ir-rapporti kollha li ghamlitli ommi l-ghassa tal-pulizija. Hemm rapport fuqi, fuq missieri, u fuq hija, li kien ghadu ta' 12-il sena. Gieli missejna l'ommi? Nghid ghalija iva – nisfida lil kulhadd ma jirrejagixxijx meta jkollu mus tal-kcina ma' wiccu…Meta kont zghir kont naqlaghhom minghand it-tnejn – kemm missieri u kemm ommi. Mhux qieghed nitkellem fuq daqqa fuq il-warrani izda fuq daqqiet ta' ponn u ta' sieq u b'oggetti varji ohra li jkun hemm fid-dar. Min jaf kemm-il darba inqalbet il-mejda fuqi, siggijiet u qas naf xiex iktar. Izda missieri ma baqax jerfa' idejh fuqi meta bdejt nikber u lill-huti qatt ma messhom hlief forsi xi darba xi darbtejn zghira bla sahha fuq is-sieq jew il-warrani. Missieri induna li bil-vjolenza ir-rizultat kien li iktar jinnervjani u qatt ma rega messni. Ommi storja ohra… Ommi qatt ma waqfet tgholli idejha u ssawwatna u twaddab l-affarijiet. Ommi pengiet lili u lil hija bhala t-tfal imxajtnin li flimkien ma' missieri nsawwtuha u nhebbu ghaliha u hi n-naghga innocenti – il-vittma. Izda fil-verita' li gara huwa li ommi minn dejjem sawwtitna kif diga' ghidt*." (fol. 925).

*"Fejn qabel kienet tghid li r-ragel isawwatha, issa bdiet tajd li "Il-kbir qed isawwatni wkoll". Dan tant kemm-il darba spiccajt l-ghassa ta' Rahal Gdid jien ghax niddefendi ruhi."*

*"Meta darba pruvajt incempel jien l-ghassa biex nirraporta lil ommi ghax qabdet nofs kantun u waddbituli fuq il-karozza li kien ghadni nixtri u faqghet ukoll il-bieb ta' barra li ghadu hekk sal-lum, il-pulizija qalli "Ma nistawx nigu issa ghax ghandna serqa".* (fol. 926) u "*Izda kif kienet iccempel ommi jisimaw lehen ta' mara tibki u f'hames minuti kienu jkunu quddiem il-bieb taghna lesti li jarrestawni. Habba ommi jien bdejt vera mmur lura u ghadni qatt ma rkuprajt kompletament*." (fol. 926).

"*L-istess storja tieghi esperjenzaha hija z-zghir. Min jaf kemm sawwtitu izda kif beda jikber u beda jiefqilha jew inwaqqafha jien, kienet iccempel l-ghassa u nispiccaw jew l-ghassa jew bil-pulizija wara l-bieb tad-dar*." (fol. 926).

"*Darba niftakar li qabdet il-kittla taghli bil-fwar hiereg minnha u waddbitieli biex tismotni. Fil-kuritur kellna lampa zghira tal-ftila. Kienet ghal skop ornamentali izda fiha kien hemm il-pitrolju biex jekk jinqata' d-dawl inkunu nistghu nuzawha wkoll biex naraw fid-dlam. Niftakar li bhas-soltu jien u ommi konna iggilidna u jien mort f'kamarti biex inhalliha tibred. F'daqqa wahda dahlet fil-kamra b'din il-lampa bil-bicca ta' fuq miftuha, waddbitli il-pitrolju ta' go fiha fuqi umbad kellha is-sulfarini f'idejha u xeghlet fil-pront sulfarina u waddbitieli izda din intfiet sakemm wasslet fuqi. Kieku ommi kienet ser tqabbadni haj*." (fol. 926-927).

"*Din il-mara attrici, kemm fuq il-palk kif ukoll fir-realta'. Attrici prima. Kapaci tinfaqa' tibki ma' l-ewwel htiega biex jithassruha, izda qatt ma thassret 'l ommha stess kemm-il darba taghtha bil-ponn go wicca u benglitha u hargitilha d-demm, jew habbtitilha rasha mal-hajt*." (fol. 928).

Omm l-attrici, Karmena Bezzina, xehdet in kontro-ezami fis-seduta tal-15 ta' Dicembru 2010 quddiem il-perit legali illi ghalkemm hija ma tafx taqra u tikteb, l-attrici sfurzata taghmel affidavit:-

"…*binti A kienet haditni ghand in-Nutar u jien ma ridtx inmur. Kieku ma mortx kont nispicca msawta minn binti A bhalma kien grali diversi drabi ohra.*

*Jien kont ghamilt diversi rapport l-Ghassa dwar swat*."

E B, iben il-partijiet, xhed quddiem il-Perit Legali fis-seduta tat-23 ta' April, 2010 fejn qal illi:

"*Nghid li fil-perjodu li ommi kienet tghix maghna, kien hemm diversi episodji ta' vjolenza fil-konfront tieghi minn ommi. Per ezempju, naghmel zball fil-homework kienet issawwatni u tigri warajja u ssakkarni fil-gallerija, jew fil-bitha jew fil-veranda. Darba giet ghalija b'imqas u laqtitni fil-polz tax-xellug. Qed nuri lill-perit legali l-ferita li ghadha tidher. Sar rapport l-ghassa minni. Dan kien xi erba' snin ilu meta ghamlet zmien qasir ta' xi sitt xhur li ommi giet*

*lura d-dar. Kienet theddidni li tkeccini u tugzani l-iskola tant li anki spiccajt ghand counsellor l-iskola minghajr htija ghax ommi akkuzatni li ghandi bzonn l-ghajnuna.*

*Naf li ommi tefghet chaser tad-daddy fil-bir, fost affarijiet ohra, bhal ikel tal-kelb, hwejjeg u gwiez. Ridt innaddaf il-bir ma' missieri u fil-fatt gab pompa. Kont wahdi fil-garage fejn hemm il-bir. Cert fil-bidu u wara li sakkart il-bibien tal-garage biex ma tmurx tidhol fuqi u taghmel xi wahda, bdejt intella l-ilma mill-bir. Hi harget fuq il-veranda fuq il-bitha u bdiet tgarali l-qsari uhud minnhom tac-caqquf biex nieqaf. Ma laqtitnix. Nizlet u b'gebla faqghet il-bieb tal-injam li jinfed mid-dar ghall-garage u dahlet fuqi. Kien hemm mera, kissritha u ggarathieli. Il-bieb inter komunikanti ghadu l-istess*."

L-attrici resqet bhala xhud lil habiba taghha G Louise Schembri li maghha kienet spiss tiftah qalbha[12]:-

*"Meta A kienet iccempilli kienet tghidli li kienet mdejqa hafna ghax ir-ragel taghha kien qieghed ihalliha wahedha hafna peress li kien qieghed dejjem imur jew jaqdi jew iwassal jew jibni lil xi neputija tieghu jew lil missieru………A kien jiddispjaciha hafna li kien jabbandunaha minhabba huh, specjalment meta kienet tqila u jhalliha hinijiet twal wehedha…………..A kienet tafda kollox mieghi. Kienet tkun iddispjacuta hafna ghaliex ir-ragel kien minflok johrog lilha u lit-tfal, kien johrog l-ommu. Kien ukoll flok johrogha, jew imur jaghmel xirja ghal huh li kien alkoholiku, jew imur iwassal lil ommu jew lil missieru jew lil hutu jew lit-tfal ta' hutu x'imkien. A ma kellhiex problemi fuq hekk, imma kien wisq marbut maghhom u baqa' igib lil tal-familja a skapitu ta' A u tat-tfal.*" Din ix-xhud kienet tahdem bhala kindergarten assistant fl-Iskola tal-Gharghur meta l-konjugi B kienu joqghodu f'dak ir-rahal. Kien jattendi f'dik l-iskola it-tifel il-kbir, D. Hija tispjega l-agir ta' dan it-tifel bhala qalil hafna ghax skont hi kien isawwat lit-tfal u sahansitra darba anke gidem tifla f'wiccha. Ix-xhud Schembri kienet saret habiba

[12] Affidavit a fol. 645 tal-process

tal-attrici u baqghet in kuntatt maghha anke meta l-familja B telqu mill-Gharghur u marru joqghodu Hat-Tarxien.

F B, bint il-partijiet, xehdet viva voce meta kellha sittax-il sena fis-seduta tal-1 ta' Marzu 2010[13] wara li l-affidavit taghha kien gie sfilzat ghaliex kienet ghamlitu meta kellha erbatax-il sena u gie pprezentat minghajr l-awtorizzazzjoni tal-Qorti. Hija spjegat li tiftakar li certu Wistin Xuereb kien ghamel xoghol id-dar taghhom pero' qatt ma rat xejn bejnu u bejn ommha. Tesprimi d-dizappunti taghha b'rizultat tat-tkissir taz-zwieg tal-genituri taghha:

"Lill-genituri tieghi inhobbhom it-tnejn indaqs, u jiddispjacini li ninsabu kif ninsabu. Nhossni tajba ma' missieri. Nimmissja li mhux famija flimkien. Neskludi li missieri qatt agixxa b'mod hazin fl-ebda aspett mieghi jew li ghidt xi haga hekk lil social worker. Kellimt social worker darbtejn u qatt ma ghidt xejn simili. Missieri inhobbu u niehu gost immur ghandu."

Dwar atti ta' vjolenza tghid hekk:-

*"Jista' jkun li ommi heddedt lil hija Fancois b'sikkina ghax mhux facli tikkontrollah izda ma niftakarx li kien hemm episodju ta' sikkina ma' missieri. D u ommi ma jaqblux ghax ghandhom l-istess karattru. Ommi jitlala' malajr u missieri aktar kalm. Meta kienu jillatikaw kien jiehu pacenzja biha. Ma nafx ghalfejn il-pracett sar il-Gharghuir izda l-party Hat-Tarxien……………Meta morna d-dar tal-Gharghur morna minn jeddna u mhux ghax imgeghla."*

D B spjega illi:

"*Meta kont zghir kont naqlaghhom minghand it-tnejn – kemm missieri u kemm ommi. Mhux qieghed nitkellem fuq daqqa fuq il-warrani izda fuq daqqiet ta' ponn u ta' sieq u b'oggetti varji ohra li jkun hemm fid-dar. Min jaf kemm-il darba inqalbet il-mejda fuqi, siggijiet u qas naf*

[13] Fol. 1201

*xiex iktar. Izda missieri ma baqax jerfa' idejh fuqi meta bdejt nikber u lill-huti qatt ma messhom hlief forsi xi darba xi darbtejn zghira bla sahha fuq is-sieq jew il-warrani*" (fol. 925).

**Profil Psikologiku**.

Fir-rapport peritali taghha[14] **il-Psikologa Carmen Sammut** ghamlet is-segwenti profil psikologiku tal-attrici wara li ltaqghet mal-partijiet u ezaminat il-process:-

"Filwaqt li dak li qalet A B dwar id-diffikultajiet li kien hemm fir-relazzjoni taghha ma' C B jidher li jikkorrispondi wkoll ma' xi affarijiet (ez. glied u vjolenza) li verament graw, ghax gew kolloborati mit-tfal, jidher li jista' li kien hemm hafna aspetti ta' dak li kien ghaddej gewwa l-ambjent domestiku tal-familja B li A B forsi ghazlet li ma tinkludiex jew tichad. Dan jinkludi aspetti bhal l-involviment taghha, ir-reazzjonijiet taghha, u dak li kienet responsabbli minnu hija nnifisha, f'dak li sehh, u dan iqajjem certi riservi sinifikanti dar dak li bdiet tghid. Dan allura jissuggerixxi li wiehed irid jikkonsidra wkoll dak li qalu nies ohra dwar dak li kien ghaddej, bhat-tfal. .........................imma nista' nipprezenta biss dak li pprezentajt sa issa dwar dak li hareg mill-hin tieghi ma' A B. Dan jidher li jinkludi l-importanza li A B tidher li hi superjuri, tajba, intelligenti, ma taghmilx zball; ir-rizultat tal-MCMI jissuggerixxi li tista' tkun emozjonali hafna f'certi cirkostanzi, biss li kapaci tidher kalma, komportata, u logika wkoll jekk ikun hemm il-bzonn. Qiesha persuna li forsi kapaci tkun kif ikun hemm bzonn skont ic-cirkostanzi, forsi kapaci tiehu karattru li hemm bzonn li tiehu, bhal l-attrici li hi qalet li hi, ghax il-verzjoni taghha nnifisha u dik pprezentata mit-tfal huma differenti hafna minn xulxin."

**Konsiderazzjonijiet.**

---

[14] Fol. 821

**Eccessi, Theddid, Mohqrija u Offizi Gravi**.

**Artikolu 40 tal-Kapitolu 16** tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi illi:-

"Kull wahda mill-persuni mizzewgin flimkien tista' titlob il-firda minhabba eccessi, mohqrija, theddid jew offizi gravi tal-parti l-ohra kontra l-attur, jew kontra xi wiehed jew iehor mit-tfal tieghu........."

L-**Att Dwar il-Vjolenza Domestika**, senjatement l-**artikolu 2**, jiddefinixxi l-vjolenza domestika bhala "*kull att ta' vjolenza, anki jekk verbali biss, li jsir minn membru domestiku wiehed fuq membru domestiku iehor u tinkludi kull ommissjoni li tikkaguna hsara fizika jew morali lil haddiehor*".

**Vjolenza fuq l-Ulied**.

Jirrizulta illi fil-bidu tal-hajja matrimonjali tal-partijiet, iz-zewg partijiet kienu juzaw xi forma ta' vjolenza fizika fuq uliedhom minuri li kienu ghadhom zghar. Pero' meta t-tfal bdew jikbru il-konvenut waqaf milli jikkastighom b'mod vjolenti filwaqt li l-attrici minflok waqfet ziedet id-doza ta' vjolenza.

Diversi drabi l-attrici rrikorriet ghall-vjolenza kemm fizika kif ukoll mentali tant illi b'hekk ikkagunat maltrattament serju lill-membri tan-nukleju familjari taghha. Ghalkemm l-attrici rripetiet diversi drabi illi hija kienet vittma, jirrizulta illi l-mizien huwa mxaqleb ferm aktar lejn il-fatt illi l-vittmi kienu effettivament l-ulied.

Il-Qorti hi tal-fehma li gie sufficjentement ippruvat mill-konvenut illi l-agir tal-attrici fil-konfront tal-ulied subien jikkostitwixxi eccessi, mohqrija, theddid u offizi gravi fil-konfront ta' ulied il-partijiet fit-termini tal-Artikolu 40 appena citat. L-akkaniment fl-attrici illi tkun vjolenti fuq uliedha ma jikkostitwixxiex dixxiplina accettabbli izda atti vjolenti u illegali bl-iskuza tad-dixxiplina. Il-Perit Psikologa

ticcertifika fir-rapport peritali taghha illi l-attrici kienet taf x'inhi taghmel u kapaci tikkontrolla l-emozzjonijiet taghha jekk ic-cirkostanzi kienu hekk jirrikjedu. Isegwi ghalhekk illi l-attrici kienet konxja tat-tbatija li l-vjolenza fizika taghha fuq iz-zewg ulied minuri kienet qed tikkaguna. Cioe nonostante, l-attrici kienet issawwat lill-uliedha minuri b'oggetti iebsa biex verament l-atti vjolenti taghha jhallu l-ugieh. Matul il-proceduri l-attrici ma uriet l-ebda rimors ghal dak li wettqet kontra l-istess ulied taghha.

L-attrici pproduciet sentenza fl-ismijiet **Pulizija vs D B**, sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati fis-16 ta' Settembru, 2008, fejn dan ta' l-ahhar gie misjub hati illi hebb ghal ommu. Fix-xhieda tieghu moghtija fil-kawza odjerna D B jammetti li kien hemm okkazzjonijiet li refa' jdejh fuq ommu, izda jiddefendi tali agir billi jghid illi kien vjolenti biex jiddefendi ruhu jew ghaliex ma setax jissaporti aktar. Filwaqt li sew il-partijiet kif ukoll uliedhom jirrakkontaw u jallegaw diversi episodji ta' vjolenza domestika, jidher li kien biss fil-kaz appena citat li D B tressaq il-Qorti.

Sew il-konvenut kif ukoll iz-zewg ulied subien isostnu illi meta huma kienu vjolenti mal-attrici, dan kien biss biex jiddefendu ruhhom jew ghax provokati. Sia l-konvenut kif ukoll D ammettaw fix-xhieda taghhom illi gieli refghu idejhom fuq l-attrici. D B xhed:

"*Gieli missejna l'ommi? Nghid ghalija iva – nisfida lil kulhadd ma jirrejagixxijx meta jkollu mus tal-kcina ma' wiccu...*" (a fol. 925) (sottolinear tal-Qorti).

Hemm provi bizzejjed biex il-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni illi l-atti vjolenti li t-tfal sofrew meta kienu zghar miz-zewg genituri u meta bdew jikbru da parti tal-omm, hallew l-effett negattiv taghhom b'mod partikolari fuq is-subien. Filwaqt li jirrizulta li l-missier f'xi zmien waqaf ikun vjolenti ma' uliedu meta bdew jikbru, l-omm baqghet ghaddejja bl-agir vjolenti taghha u kien ghalhekk illi uliedha subien kienu jirreagixxu b'mod aggressiv maghha. M'hemmx dubju li l-vjolenza li sofrew ulied il-partijiet meta kienu

zghar miz-zewg genituri, u meta bdew jikbru minghand l-omm halliet it-timbru oskur taghha fuqhom li ikkontribwit ghat-tkissir taz-zwieg ta' bejn il-partijiet.

**Vjolenza bejn il-Konjugi B**.

Fir-rigward tal-allegazzjonijiet taz-zewg partijiet li l-parti l-ohra kienet vjolenti fil-konfront tieghu jew taghha, il-Qorti hi rinfaccjata b'allegazzjonijiet kontrastanti ghall-ahhar. Kull parti tpingi lilha nnifisha bhala l-vittma tal-atti vjolenti tal-parti l-ohra. It-tnejn li huma b'xi mod jammettu li ikkommettew atti vjolenti izda fl-istess hin jsostnu li dan kienu kostretti jaghmluh biex jiddefendu ruhhom, jew ghaliex kienu waslu f'sitwazzjoni insopportabbli.

Skont il-gurisprudenza, eccessi bejn il-konjugi jfissru dawk l-atti mwettqa minn parti wahda fiz-zwieg kontra l-parti l-ohra fiz-zwieg, jew kontra l-ulied, liema atti jkunu ta' gravita' kbira u li jikkostitwixxu periklu ghall-hajja tal-parti li tisfa' vittma (**Cauchi Antoinette vs Cauchi Alexander, Prim'Awla tal-Qorti Civili, 2 ta' Ottubru, 2003**).

F'dan ir-rigward il-Qorti tiddivergi mill-konkluzzjoni tal-abbli Perit Legali fejn ezonera kompletament lill-konvenut minn kwalunkwe htija ghat-tifrik taz-zwieg ta' bejn il-partijiet. Din il-konkluzzjoni l-Qorti qed tasal ghaliha proprju minhabba l-fatt illi hawn *non si tratta* ta' incident izolat fejn l-attrici hebbet ghall-konvenut u l-konvenut irritalja, imma agir vjolenti sistematiku u kostanti, mifrux fuq numru konsiderevoli ta' snin u b'azzjonijiet vjolenti u kontro-azzjonijiet vjolenti kontinwi.

Agir vjolenti rizultat ta' provokazzjoni jista' jkun parzjalment skuzabbli jekk si tratta ta' kaz izolat, izda mhux meta l-vjolenza fi hdan il-familja B ilha ghaddejja ghal snin shah.

Ix-xhieda tal-partijiet hija mizghuda b'deskrizzjonijiet ta' atti vjolenti fil-konfront ta' xulxin sew ta' natura fizika kif ukoll ta' natura psikologika.

Hija l-konkluzzjoni ta’ din il-Qorti illi ghat-tkissir taz-zwieg taghhom jahtu iz-zewg partijiet. Ghar-ragunijiet spjegati aktar qabel jirrizulta li l-attrici baqghet tkun vjolenti ma’ uliedha subien anke meta bdew jikbru. Filwaqt li hafna mill-episodji vjolenti bejn il-partijiet kellhom il-bidu taghhom fi provokazzjoni vjolenti da parti tal-attrici, kif gia’ inghad aktar qabel, il-Qorti ma tikkondividiex il-konkluzzjoni tal-abbli Perit Legali fejn ezonera kompletament lill-konvenut minn kwalunkwe responsabbilta’ fir-rigward tal-atti vjolenti tieghu. Il-Qorti ssib li ghal dan it-tkissir matrimonjali il-htija tal-attrici hija akbar minn dik tal-konvenut u qed taqsam ir-responsabbilta’ ghat-tkissir taz-zwieg in kwantu ghal zewg terzi (2/3) fuq l-attrici u terz (1/3) fuq il-konvenut.

**Likwidazzjoni tal-Assi Parafernali u tal-Komunjoni tal-Akkwisti**.

**Komunjoni tal-Akkwisti**.

Mill-provi prodotti jirrizulta illi l-assi formanti parti mill-komunjoni ta’ l-akkwisti huma s-segwenti:

**Il-fond matrimonjali bl-indirizz “Desiree”, Triq Wenzu Despott, Tarxien** li ai termini ta’ valutazzjoni datata 6 ta’ April, 2006, imwettqa mill-Perit Tekniku Mario Cassar fuq inkarigu tal-Qorti jirizulta illi ghandha valur fuq is-suq ta’ mija u tletin elf liri Maltin (LM130,000) ekwivalenti llum ghal tlett mija u elfejn, tmien mija u tmintax il-ewro u erbgha u hamsin centezmu (€302,818.54). Din il-proprjeta’ tinkludi ukoll zewg garaxxijiet li wiehed minnhom jinkera lil terzi ghall-prezz ta’ €1,513.85 (LM650) fis-sena;

**Garaxx gewwa Haz-Zabbar** li bi qbil bejn il-partijiet jirrizulta illi ghandu valur ta’ €27,952.48;

**Dghajsa** li bi qbil bejn il-partijiet jirrizulta illi ghandha valur ta' €1,800;

Diversi bicciet **mobbli** senjatament:

Vetrina tal-iskorfina;
Gradenza tal-iljun;
Gradenza tal-ghasfur;
Lavaman;
Kommodina;
Gwardarobba tal-kewkba;
Lavaman maghmul fuq stil antik li qieghed fl-intrata;
*Corner* tal-kewkba;
*French cabinet*;
Erbgha nkwatri li qeghdin fit-tarag;
Kristall
*White Goods – fridge*, *cooker* u *washing machine*

Diversi bicciet tal**-ghodda** illi jintuzaw mill-konvenut fix-xoghol tieghu. Dwar dan, fuq inkarigu tal-Qorti, il-Perit Arkitett Mario Cassar hejja stima tal-istess, datata 15 ta' Mejju, 2008, minn liema jirrizulta illi l-ghodda ghandhom valur totali ta' €3,264.33.

Depoziti Bankarji li huma: Malta Government Bond Fund fl-ammont ta' €27,550.43 u Malta Bond Accumulator Fund fl-ammont ta' €33,382.20.

**<u>Assi parafernali</u>**

L-assi parafernali appartenenti lill-attrici huma:

Art gewwa l-Gharghur;

Zewg Gastri;
Caqquf;
*Sewing Machine Cabinet*;
*Washing Machine Cabinet*;
*Spin Dryer*;

*Type Writer* Olivetti gdida

**Dejn gravanti l-Komunjoni**

Id-dejn gravanti l-komunjoni, gie registrat bi qbil bejn il-partijiet fil-verbal tal-udjenza tas-16 ta' Settembru, 2009, ammontanti ghas-somma ta' €116,469.00 Dan id-dejn sar minhabba l-izvilupp ta' bicca art gewwa l-Gharghur liema art mhux kontestat illi hija parafernali ghall-attrici.

**Likwidazzjoni u assenjazzjoni**

**Id-Dar Matrimonjali**

Hemm qbil bejn il-partijiet illi l-valur tad-dar matrimonjali "Desiree", Triq Wenzu Despott, Tarxien li huwa l-valur indikat mill-Perit Tekniku u cioè Lm130,000 pari ghal €302,818.54. Din id-dar ghandha tinbiegh bis-subbasta u r-rikavat jinqasam ugwalment bejn il-partijiet.

Dwar il-kiri tal-garaxx enumerat 6 li jinsab sottostanti d-dar matrimonjali u li jinkera versu l-prezz ta' €1,514 fis-sena, liema kera fil-prezent qieghda tigi percepita direttament mill-konvenut, l-attrici qed tippretendi s-sehem taghha u cioè nofs l-ammont percepit mill-konvenut sallum.

Il-konvenut jallega li kien hemm ftehim bejn il-partijiet illi huwa jzomm l-ammont percepit mill-kera ta' dan il-garaxx filwaqt li l-attrici zzomm l-ammont percepit bhala *children's allowance* ghall-minuri E illi dak iz-zmien ga ma kienx qieghed jghix maghha. L-attrici tichad li kien hemm dan il-ftehim izda fi kwalunkwe kaz taqbel mas-suggeriment tal-Perit Legali li ghandha ssehh din it-tpacija.[15] Fic-cirkostanzi ghalhekk il-Qorti qed tiddikjara illi l-ebda ammont percepiet mill-attrici bhala *children's allowance* fil-konfront ta' E ma hu dovut lill-konvenut u li l-ebda ammont percepiet mill-konvenut bhala kera tal-garaxx numru 6 li

[15] Fol. 1422

kien mikri lis-socjeta’ J & A Autoparts bejn is-snin 2003 u 2006 ma hu dovut lill-attrici.

**Garage nru 6 gewwa Haz-Zabbar**

Il-kontendenti qablu li dan il-garaxx ghandu valur ta’ €27,952.48 u qablu wkoll illi dan ghandu jinbiegh u r-rikavat jinqasam fi kwoti ugwali bejn il-partijiet. Il-konvenut iddikjara li dan il-garaxx illum ma hux mikri lil terzi u li ghalhekk huwa vakant. Il-Qorti qed tordna li dan il-garaxx jinbiegh bis-subbasta u r-rikavat jinqasam fi kwoti indaqs bejn il-partijiet.

**Dghajsa**

Il-partijiet qablu illi l-valur ta’ din id-dghajsa, li tinsab fil-pussess tal-konvenut, jammonta ghal €1,800.

Il-Qorti qed tadotta dan il-valur. Peress li l-konvenut wera x-xewqa li jzomm din id-dghajsa il-Qorti qed tordna illi n-nofs sehem indiviz tal-attrici minn din id-dghajsa jigi assenjat lill-konvenut li min-naha tieghu qed jigi ordnat ihallas lill-attrici is-somma ta’ €900.00 bhala korrispettiv.

**Bcejjec mobbli**

L-attrici tippretendi illi hija tigi assenjata s-segwenti bcejjec mobbli li jinsabu fid-dar matrimonjali u li skont hi huma esklussivament taghha ghax parafernali:-

Vetrina tal-iskorfina;
Gradenza tal-iljun;
Gradenza tal-ghasfur;
Lavaman;
Kommodina;
Gwardarobba tal-kewkba;
Lavaman maghmul fuq stil antic li qieghed fl-intrata;
Corner tal-kewkba;
*French cabinet*;

Erbgha nkwatri li qeghdin fit-tarag;
Kristall

L-attrici tippretendi wkoll li tinghata s-somma ta' €2,300 bhala ekwiparazzjoni ghas-sehem taghha mill-valur komplessiv tal-*white goods* li jinsabu fid-dar matrimonjali u li baqghu hemm meta hija harget mid-dar matrimonjali fil-mori tal-kawza.

Il-posizzjoni tal-konvenut fir-rigward hija li ghalkemm ma jaccettax li l-mobbli kollha fuq elenkati huma parafernali tal-attrici, pero' ma jsibx oggezzjoni li jigu assenjati lill-attrici purche' huwa ma jhallasx is-somma ta' €2,300 li qed tippretendi l-attrici ghal *white goods* li hemm fid-dar matrimonjali u li inxtraw fiz-zwieg ghaliex isostni li dawn jikkonsistu biss fi tlett oggetti li llum il-valur taghhom iddeprezza sostanzjalment. Fl-istess hin il-konvenut qed jitlob li jigi assenjat is-sett tal-kamra tas-sodda u s-sett tal-kamra tal-ikel li ghandhom valur ta' cirka €3,494.00

Mill-atti ma jirrizultax car liema mobbli l-attrici tippretendi li huma parafernali taghha u liema ma humiex. F'nota li kienetipprezentat fil-25 ta' Settembru 2009[16] l-attrici ma telenkax il-mobbli antiki fuq imsemmija bhala parafernali. Tindika minflok li bhala parafernali oggetti mobbli ohra. Hadd mill-partijiet ma ta spjegazzjoni cara dwar il-provenjenza tal-oggett mobbli in kontestazzjoni.

Il-Qorti tikkonsidra bhala ekwa l-konkluzzjoni tal-Perit Legali illi l-mobbli antiki elenkati f'pagana 24 ta' din is-sentenza jigu assenjati lill-attrici filwaqt li l-kumplament tal-oggetti mobbli fid-dar matrimonjali jigu assenjati lill-konvenut u ghalhekk qed tordna li dawn il-mobbli jigu divizi bejn il-partijiet bil-mod appena spjegat.

**<u>Ghodda</u>**

[16] Fol. 933

Jirrizulta illi l-komunjoni tal-akkwisti tikkontjeni wkoll diversi bicciet tal-ghodda illi jintuzaw mill-konvenut fix-xoghol tieghu. Dwar dan, fuq inkarigu tal-Qorti, il-Perit Arkitett Mario Cassar hejja stima tal-istess, datata 15 ta' Mejju, 2008, minn liema jirrizulta illi l-ghodda ghandhom valur totali ta' €3,264.33.

Il-Perit però zied jghid illi:

"*L-ghodda kollha li giet murija lill-esponenti kienet uzata. <u>L-esponenti qieghed jivvaluta l-istess bhala gdida</u>, bhal meta nxtrat l-ewwel darba, waqt il-komunjoni. Fil-prezent, u fl-istat li jinsabu fiha llum,l-istess ghodda hija vvalutata li tiswa' madwar 50% tal-valur ta' l-istess kieku gdida.*"

L-ghodda giet stamata illi ghandha valur ta' €3,264.33, bhala gdida, b'dan illi l-valur reali taghhom tallum huwa ta' €1,632.17. Il-Qorti tordna li nofs indiviz ta' dawn l-ghodda appartenenti lill-attrici jigu assenjati lill-konvenut filwaqt li l-konvenut qed jigi ordnat li jhallas lill-attrici nofs il-valur bhala s-sehem taghha mill-ghodda. Il-konvenut ghandu ghalhekk jghaddi lill-attrici s-somma ta' €816.08 bhala ekwiparazzjoni ghas-sehem taghha mill-istess.

Hemm konflitt bejn il-partijiet fir-rigward ta' *scafolding.* Il-konvenut jishaq illi m'ghadhomx ghandu. Madanakollu huwa ma gab ebda prova dwar il-provenjenza taghhom u fejn spiccaw. Jghid illi dawn inzammu bi shab ma' huh fiz-zmien li kienu jahdmu flimkien.

L-attrici tippretendi li dawn iz-zewg scafoldings ghandhom valur ta' circa €10,000.00 filwaqt li l-konvenut jghid li l-valur komplessiv taghhom huwa ta' circa €1,600.00. Mill-atti jirrizulta li fid-19 ta' Frar 2009 il-Perit Tekniku Mario Cassar ipprezenta nota[17] lill-Qorti fejn informa illi waqt l-access li nzamm fit-2 ta' Mejju 2008 huwa gie muri l-ghodda li taghha seta' jaghmel stima. Ikompli jghid hekk:- "Ghodda ohra illi l-konvenut rrefera lill-esponent li kellu fuq il-lant tax-xoghol, l-istess esponent ma setax jivvalutaha.

---

[17] Fol. 906

L-istess hija s-sitwazzjoni fir-rigward tal-iscaffolding. L-esponent ma ntwera l-ebda scaffolding ghax il-konvenut infurmah illi jew kien ta' huh jew kien imsellef lill-knisja ta' Hal-Tarxien."

Ma hux accettabbli li l-Qorti tinnomina Espert Tekniku biex jezamina l-ghodda tax-xoghol kollu inkluz l-iscaffolding, u l-kompitu tieghu jigi stultifikat minn xi hadd mill-partijiet b'dan il-mod. Dan l-agir iwassal lill-Qorti tikkonkludi illi l-konvenut ried jevita li dawn l-oggetti jigu stmati mill-Perit Tekniku. Ghaldaqstant il-Qorti qieghda *arbitrio boni viri* taghti il-valur attwali lill-iscaffolding li l-konvenut ghandu flimkien ma' huh u li ma giex muri lill-Perit Tekniku mill-konvenut bhala ammontanti ghal €6,000.00 b'dan illi sehem il-konvenut huwa ta' €3,000.00 u sehem l-attrici €1,500.00. Ghaldaqstant qed tassenja sehem l-attrici mill-iscafolding tal-konvenut lill-istess konvenut filwaqt li qed tordna lill-konvenut ihallas lill-attrici is-somma komplessiva ta' €1,500 rapprezentanti l-korrispettiv ta' sehemha mill-iscaffolding.

**<u>Depoziti Bankarji</u>**

Jirrizulta illi matul iz-zwieg tal-partijiet saru dawn l-insvestimenti:

- Malta Government Bond Fund fl-ammont ta' €27,550.43

- Malta Bond Accumulator Fund fl-ammont ta' €33,382.20

Mix-xhieda prodotta rrizulta illi l-ammont komplessiv ta' dawn iz-zewg investimenti u cioè l-ammont ta' €60,930.63 gew interament zbankati mill-konvenut minghajr il-kunsens tal-attrici.

Ghaldaqstant il-konvenut qed jigi kkundannat ihallas lill-attrici s-sehem taghha minn dan l-ammont u cioe' s-somma ta' €30,466.32 bl-imghax ta' tmienja fil-mija mid-

data tal-prezentata tal-kawza odjerna sad-data tal-effettiv pagament.

Jirrizulta mill-atti illi meta l-konvenut zbanka s-somma imsemmija huwa xtara karozza tal-marka Chevrolet Kalos mis-sehem tieghu tal-flus zbankati. Ghaldaqstant qed jigi ddikjarat illi l-attrici m'ghandha l-ebda sehem mill-vettura Chevrolet Kalos li l-konvenut xtara permezz ta' parti mill-flus li kien hekk zbanka.

Ghar-rigward tal-kumplament tal-kontijiet bankarji, dawn ghandhom jibqghu f'isem min jinsabu fil-prezent u ma jkun hemm l-ebda ekwiparazzjoni. Dan qed jinghad l-ghaliex mix-xhieda ta' Audrey Ghigo, rapprezentanta tal-HSBC Bank Malta p.l.c. jirrizulta kont wiehed tat-tip kurrenti li ghad fih flus fl-ammont ta' Lm310.38 (Dok. AG 14) pari ghal €722.99, liema kont jinsab intestat f'isem il-konvenut.

Fir-rigward ta' l-*insurances* ezistenti, u li jinsabu fuq isem il-konvenut, u cioe dawk bin-numri 100-000655 u 400-007182, il-Qorti tordna lill-konvenut ihallas lill-attrici nofs il-valur tas-*surrender value* attwali taz-zewg *insurances* b'dan illi fuq dan l-ammont ghandu fi zmien tlett xhur millum jibda jiddekorri a favur l-attrici imghax ta' tmienja fil-mija (8%) jekk tali ammont ma jkunx ghadu thallas lill-attrici fi zmien tlett xhur millum. Id-data tas-*surrender value* ghandha tkun dik tallum.

**<u>Kreditu tal-Komunjoni</u>**

Illi meta giet biex inbniet il-proprjeta' fuq l-art tal-Gharghur, liema art hija parafernali tal-attrici, il-komunjoni zburzjat is-somma ta' €116,469. Isegwi ghalhekk illi l-konvenuta hija debitrici versu l-komunjoni tal-akkwisti ta' bejn il-partijiet fis-somma ta' €58,234.50. tal-attrici.

Fin-nota ta' osservazzjonijiet taghha[18] l-attrici tissottometti li ghandu jkun hemm riduzzjoni fl-ammont li ghandha thallas lill-konvenut f'dan ir-rigward ghaliex issostni li l-

[18] Fol. 1426

konvenut kien jaghmel xoghol bla hlas lill-membri tal-familja tieghu.

*Ex admissis* l-attrici qed tiddikjara li taf li l-konvenut ma thallasx minghand il-membri tal-familija tieghu ghal xoghol li ghamlilhom. Konsegwentement l-ebda flus ma dahlu fil-komunjoni tal-akkwisti. Il-pretensjoni tal-attrici f'dan ir-rigward hija manifestament infondata u qed tigi respinta.

**<u>Proprjeta' Parafernali</u>**

Gie ppruvat u mhux kontestat illi l-art tal-Gharghur hija parafernali tal-attrici.

Kwantu ghall-bcejjec tal-ghamara l-attrici tindika bhala parafernali taghha is-segwenti:

Zewg Gastri;
Caqquf;
*Sewing Machine Cabinet*;
*Washing Machine Cabinet*;
*Spin Dryer*;
*Type Writer* Olivetti gdida

Ghalkemm il-konvenut ma jaqbilx illi dawn l-oggetti huma parafernali tal-attrici, huwa ma jsib ebda oggezzjoni illi dawn jigu assenjati lilha. Il-Qorti ghalhekk tordna li l-mobbli appena elenkati jigu konsenjati lill-attrici.

**L-Artikoli 48 u 51 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta**

Waqt illi l-attrici titlob l-applikazzjoni tal-artikolu 51 tal-Kap. 16 tal-ligijiet ta' Malta fil-konfront tal-konvenut, il-konvenut qieghed jitlob li fil-konfront tal-attrici tigi applikata d-disposizzjoni tal-Artikolu 48 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Artikolu 48 tal-Kapitolu 16** tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi illi:-

*(1) Il-parti, ir-raġel jew il-mara, illi tkun il-ħtija tal-firda għal waħda mir-raġunijiet imsemmijin fl-artikoli 38 u 41 titlef -*
*(a) il-jeddijiet imsemmijin fl-artikoli 631, 633, 825, 826 u 827;*
*(b) dak kollu li tkun kisbet mill-parti l-oħra b'donazzjoni bi ħsieb taż-żwieġ, jew waqt iż-żwieġ, jew taħt titolu ieħor gratuwitu;*
*(ċ) kull jedd ta' parti miż-żwieġ għan-nofs tal-akkwisti illi jkunu saru l-aktar bil-ħidma tal-parti l-oħra wara data stabbilita mill-qorti bħala d-data meta l-parti għandha tkun kunsidrata li minnha tkun ħatja tal-firda. Għal-lfinijiet ta' dan il-paragrafu biex jiġi determinat jekk akkwist ikunx sar l-aktar bil-ħidma ta' waħda millpartijiet fiż-żwieġ, għandhom jitqiesu l-kontributi b'kull mod taż-żewġ partijiet skont l-artikolu 3;*
*(d) il-jedd li iġġiegħel lill-parti l-oħra, f'kull każ, li tagħtiha l-manteniment bis-saħħa tal-obbligu li jitnissel miż-żwieġ.*

*(2) Il-ħwejjeġ imsemmijin fis-subartikolu (1)(b) jerġgħu jmorru għand il-parti l-oħra, u l-akkwisti msemmijin fil-paragrafu (ċ) ta' dak is-subartikolu jibqgħu kollha għal din il-parti...........*

**Artikolu 51** jipprovdi illi:-

*Il-firda li ssir minħabba xi waħda mir-raġunijiet imsemmijin fl-artikolu 40, tista' jkollha l-effetti msemmijin flartikolu 48, meta l-qorti jidhrilha li, taħt iċ-ċirkostanzi tal-każ, għandhom igħoddu, f'kollox jew f'biċċa, id-disposizzjonijiet ta' dak l-artikolu.*

In kwantu l-Qorti sabet li ghat-tkissir taz-zwieg taghhom jahtu iz-zewg partijiet il-Qorti tiddikjara illi z-zewg partijiet iddekadew milli jitolbu manteniment minghand xulxin. Tenut kont pero' c-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz fejn il-konvenut ilu s-snin, ad eskluzzjoni tal-attrici, jgawdi d-dar matrimonjali, u b'applikazzjoni tad-diskrezzjoni lilha moghtija bl-Artikolu 52 tal-Kap. 16 qieghda tiddeciedi li d-dekadenza tad-dritt ghall-manteniment qed tigi applikata

b'effett mid-data ta' din is-sentenza u mhux retroattivament.

**It-talba attrici sabiex tghix gewwa d-dar matrimonjali ad eskluzjoni tal-konvenut zewgha**

Din it-talba qed tigi respinta in quantu huwa mehtieg li d-dar matrimonjali tinbiegh. Ghaldaqstant il-Qorti qed tordna lill-konvenut sabiex zmient tlett xhur mid-data ta' din is-sentenzsa jivvaka mid-dar matrimonjali flimkien ma' uliedu li qed jirrisjedu mieghu.

**Decide.**

Ghaldaqstant ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed taqta' u tiddeciedi din il-kawza u kontro-talba u tiddisponi mill-eccezzjonijiet reciproci tal-partijiet bil-mod segwenti:-

**<u>Fir-rigward tac-citazzjoni principali</u>**:

Tilqa' parzjalment l-ewwel eccezzjoni, tilqa' t-tieni eccezzjoni, tichad it-tielet eccezzoni, tilqa' r-raba', l-hames , s-sitt, is-seba' u t-tmien eccezzjoni; tilqa' parzjalment id-disa' eccezzjoni, tilqa' l-ghaxar eccezzjoni.

Tilqa' parzjalment l-ewwel talba b'dan illi tiddikjara illi l-htija ghal firda personali ta' bejn il-partijiet hija attribwibbli in kwantu ghal zewg terzi (2/3) fuq l-attrici u in kwantu ghal terz (1/3) fuq il-konvenut.;

Tilqa' t-tieni talba;

Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tielet talba ta' l-attrici billi t-tfal E u F llum huma maggiorenni;

Tichad ir-raba' talba.

Tilqa' l-hames talba u tiddikjara l-komunjoni ta' l-akkwisti ta' bejn il-partijiet xolta b'effett mid-data ta' din is-sentenza;

Tilqa' s-sitt talba u tillikwida, tiddividi u tassenja l-assi bil-mod kif fuq dettaljatament spjegat u ordnat;

Tichad is-seba' u t-tmien talba stante li ma hemmx htiega taghhom.;

Tilqa' id-disa' talba bil-mod kif fuq spjegat;

Tichad l-ghaxar talba;

Tilqa' l-hdax-il talba.

**<u>Fir-rigward tal-Kontro-Talba tal-Konvenut</u>**

Tilqa' parzjalment l-ewwel talba rikonvenzjonali bil-mod kif fuq deciz;

Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni talba rikonvenzjonali stante li t-tfal E u F llum huma maggiorenni;

Tilqa' t-tielet talba rikonvenzjonali u tiddikjara l-komunjoni ta' l-akkwisti bhala xolta b'effett millum, u tordna d-divizzjoni tal-istess bil-mod kif fuq ordnat. Tordna wkoll lill-partijiet ihallsu l-ammonti li gew rispettivament ordnati li jhallsu aktar 'il fuq.

Tilqa' parzjalment ir-raba' talba rikonvenzjonali bil-mod kif fuq stipulat;

Tichad il-hames talba rikonvenzjonali stante li ma hiex mehtiega.

Bl-ispejjez tal-kawza jithallsu in kwantu ghal zewg terzi (2/3) mill-attrici u in kwantu ghal terz (1/3) mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------